Soċjetà Filarmonika Leone A.D. 1863
Belt Victoria, Għawdex

# Statut Uffiċjali

Approvat waqt Laqgħa Ġenerali, Każin Banda Leone, 23 ta' Jannar, 2005.
Emendat u aġġornat f'Laqgħa Ġenerali Annwali, Każin Banda Leone, 23 u 24 ta' Novembru 2019.

**Daħla Informattiva**

Huwa xieraq li bħala introduzzjoni ta' din il-ħarġa tal-istatut tas-Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863, kif emendat fl-2013, f'għeluq il-150 sena mit-twaqqif tagħha bħala l-ewwel banda Għawdxija, jingħata tagħrif storiku fil-qosor.

Il-Banda Leone hija l-ewwel banda li twaqqfet f'Għawdex u taf il-bidu tagħha lil żewġ baned – dik tal-Binu u oħra ta' Dirjanu li kienu diġà jeżistu fl-1863 u li aktar tard ingħaqdu f'banda waħda. Fi gżiritna, sal-1880, din kienet l-unika banda Għawdxija. Fis-27 ta' Mejju, 1880, il-Banda Leone ġiet irreġistrata legalment b'kuntratt li sar għand in-nutar A. Calleja Pace. Fis-6 ta' Frar, 1881, din ħadet l-isem ta' *Il Leone*, b'kuntratt għand in-nutar Carmelo Gauci. L-oriġini ta' din il-banda huwa dokumentat b'affidavits li saru fl-1933 minn bandisti anzjani ta' dak iż-żmien.

Fil-bidu tagħha, *Il Leone,* ħadet sehem f'bosta attivitajiet kemm soċjali kemm reliġjużi, u fl-1870 daqqet programm fi Pjazza San Franġisk fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fl-1896, b'digriet tal-Isqof ta' Għawdex, Mons Fra Giovanni Maria Camilleri OSA, il-festi esterni ta' Santa Marija ġew fdati f'idejn il-kumitat ta' din il-banda.

F'argument li kien qam bejn il-bandisti waqt programm fi Pjazza Santu Wistin, fl-1879, ħames bandisti ħallew il-banda u fl-1880 waqqfu banda oħra fir-Rabat ta' Għawdex.

Is-Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863 dejjem kienet immexxiha minn kumitat għaqli u l-banda dejjem kellha diversi diretturi bravi fosthom it-Taljan, Giovanni Giumarra, li kien rebaħ bosta unuri għall-kompożizzjonijiet tiegħu. Matul iż-żmien li ilha mwaqqfa, il-Banda Leone dejjem kompliet tieħu sehem attiv bil-programmi tagħha sew f'Għawdex, sew f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Hija fil-fatt l-ewwel banda Għawdxija li daqqet fl-Italja. Hija wkoll l-ewwel banda li kellha l-każin u t-teatru tagħha.

Fl-1962/63, kienet ikkonvertiet il-proprjetà tagħha fi Triq l-Arċipriet Saverio Cassar fir-Rabat, f'każin modern li kien jinkludi fih it-Teatru Aurora. Fl-1971, kienet akkwistat proprjetà oħra fi Triq it-Tiġrija, illum Triq ir-Repubblika, u bniet każin u Teatru tal-Opra li ħa isem il-predeċessur tiegħu. Fil-bini ta' dan il-kumpless sar ħafna xogħol volontarju minn membri tal-kumitat, bandisti u partitarji.

Il-Banda Leone bla dubju għandha għax tiftaħar bil-passat tagħha u bl-ambizzjonijiet li rnexxielha tilħaq. L-innu tagħha, *Il Leone* – l-Isfida, kif nafuh ilkoll – jiġbor f'ismu s-suċċessi kollha li kisbet din is-Soċjetá u s-sodisfazzjon ta' dan kollu huwa li għaqdiet oħra mxew fuq il-passi tagħha.

Aktar tagħrif:

Grech, Grazio A. (2012): *Ġrajjiet is-Soċjetá Filarmonika u Mużikali Leone*.

## Artiklu 1 – Isem u Għan

1. L-isem uffiċċjali tas-Soċjetá huwa ‘Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863’[1], li kellha l-bidu fl-1863 taħt l-isem ta’ żewġ baned Tal-Binu u Ta’ Dirjanu, u li għalhekk hija l-Ewwel Banda Għawdxija, hija għaqda volontarja, awtonoma u mhix imwaqqfa għal skop ta’ profitt. L-għanijiet tagħha huma s-segwenti:[2]

   A Is-sostenn u t-tmexxija tal-banda
   B It-tagħlim tal-mużika
   Ċ L-organizzazzjoni tal-festi esterni ta’ Santa Marija
   D Tixrid ta’ edukazzjoni u kultura
   E Attivitajiet għas-soċi
   F Tmexxija tat-Teatru tal-Opra Aurora
   Ġ Il-ħarsien taż-żgħażagħ fl-*Aurora Youth Movement* (*Moviment Żgħażagħ Aurora*), li jħaddan fih, l-Għaqda Armar Santa Marija, is-Sezzjoni tal-Briju tal-Festa u l-Grupp Folkloristiku Aurora.

2. L-arma uffiċjali tagħha hija din riprodotta hawnhekk, kif iddisinjata minn Paul Camilleri Cauchi u murija fuq il-bnadar tal-każin. Il-kumitat għandu jara li ħadd ma jagħmel użu minn din l-arma meta ma jkunx qiegħed jirrappreżenta b’mod uffiċjali u awtorizzat lis-Soċjetá.[3]




---

[1] L-istatut bidel ‘Għaqda Mużikali Leone’ ma’ ‘Soċjetá Filarmonika Leone’ mhux biss f’dan l-artiklu imma fl-istatut kollu f’Laqgħa Ġenerali Annwali 20.01.2013 u għal ‘Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863’ f’Laqgħa Ġenerali Annwali 24.11.2019.

[2] Dan l-artiklu ġie emendat f’Laqgħa Ġenerali Straordinarja 22.06.2010 biex inkluda t-termini ‘volontarja, awtonoma u mhix imwaqqfa għal skopijiet ta’ profitt.

[3] Dan il-paragrafu żdied fit-totalitá tiegħu flimkien mal-emblema, f’Laqgħa Ġenerali Annwali 20.01.2013.

## Artiklu 2 – Membri[4]

1. Is-Soċjetà hija magħmula minn tmien xorta ta' membri:
   A Membri tal-Kumitat tad-Direzzjoni
   B Bandisti Effettivi tal-Banda Leone
   Ċ Bandisti Volontarji tal-Banda Leone[5]
   D Soċji
   E Presidenti Onorarji
   F Membri Onorarji
   Ġ Bandisti Onorarji
   G Partitarji

2. Il-membri tal-kumitat tad-direzzjoni huma dawk il-membri li jiġu eletti fl-elezzjoni li ssir kull sena għall-ħabta ta' Novembru[6], u membri oħra maħtura skont **Artiklu 5** aktar 'il quddiem f'dan l-istess statut. Dawn jibqgħu fil-kariga sa ma jxolji l-kumitat.

3. Bandisti Effettivi tal-Banda Leone huma dawk kollha li:
   i. Tgħallmu mal-Banda Leone, u/jew
   ii. Iggwadanjaw b'xi mod permezz ta' esperjenza mal-Banda Leone, u/jew
   iii. Idoqqu mingħajr ħlas mal-Banda Leone, u/jew
   iv. Ikunu għalqu sena jdoqqu mal-Banda Leone, u/jew
   v. Kawża dan kollu, ikun ingħatalhom id-dritt tal-vot.

   a. Dawn il-bandisti effettivi huma obbligati li jagħtu l-ewwel preferenza lill-Banda Leone f'kull servizz u f'kull ċirkustanza oħra, fuq baned oħrajn, u jiffirmaw għall-oġġetti mislufa lilhom mis-Soċjetà Filarmonika Leone.

   b. Dawn il-bandisti effettivi għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni ta' lealtà lejn is-Soċjetà Filarmonika Leone. Il-kumitat għandu d-dritt u d-dmir jieħu deċiżjoni li jissospendi lil dawk il-bandisti li jkunu qed jattendu għal servizzi ma' baned oħrajn waqt li fl-istess żmien jonqsu milli jattendu għas-servizzi mal-Banda Leone u hekk allura jkunu jiksru d-dikjarazzjoni ta' lealtà tagħhom lejn is-Soċjetà Filarmonika Leone. F'din iċ-ċirkustanza, il-baned Għawdxin ikunu ukoll notifikati b'tali sospensjoni. (Ara **Nota 3b)**

   c. Bandisti effettivi għandhom id-dritt tal-vot, dritt ta' biljett b'xejn f'attivitajiet li jkunu produzzjoni tas-Soċjetà

---

[4] Dan l-artiklu kollu ħa post artiklu 2 ieħor li kien iġib l-istess isem, b'emenda approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

[5] Id-distinzjoni bejn Bandisti Effettivi u Volontarji saret għall-ewwel darba b'emenda approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

[6] Ix-xahar inbidel minn Jannar għal Novembru, b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014.

Filarmonika Leone (u/jew Teatru tal-Opra Aurora), skont fuq prodotti tas-Soċjetà kif ukoll privileġġi oħra skont ma jistipula dan l-istatut jew jiddeċiedi l-Kumitat tad-Direzzjoni minn żmien għal żmien.

d. Bandisti effettivi tal-Banda Leone għandhom tal-inqas jattendu:
   a. Għal dawn is-servizzi:
      i. Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
      ii. Leone Goes Pop
      iii. Kunċert tal-Festa
      iv. Servizzi tad-Dimostrazzjoni, Lejlet il-Festa u Purċissjoni ta' Santa Marija
      v. Programm Mużikali Annwali tal-Banda Leone
   b. Għal 50% tas-servizzi bla ħlas tal-Banda Leone[7]

   F'każ li jonqsu milli jagħmlu dan, mingħajr raġuni, jibdew jitqiesu bħala Bandisti Volontarji **(skont artiklu 2, par. 4 hawn taħt).**

e. Bandisti effettivi tas-Soċjetà Filarmonika Leone huma fid-dmir li jattendu s-servizzi u l-provi tal-banda, u jagħtu l-ewwel preferenza lill-Banda Leone f'kull ċirkustanza (**ara Artiklu 2, par. 3a**). F'każijiet eċċezzjonali biss, bandist jista' jitlob bil-miktub sabiex jiġi skużat u eżentat minn xi servizz biex imur iwettaq servizz ma' banda oħra. Il-Kumitat jista' jiskuża u jeżenta lil xi Bandist Effettiv minn servizzi ta' marċ, jew xi programm mużikali f'xi raħal, imma mhux waqt il-festa ta' Santa Marija, xi programm ewlieni tal-Banda Leone (preżentament Programm Annwali, Leone Goes Pop, Programm ta' Mużika Sagra, Kunċert tal-Milied), xi servizz konness mal-festi tad-29 t'April, jew il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kumitat jista' jiskuża u jeżenta lil xi Bandist Effettiv għal servizzi straordinarji u meqjusa ta' okkażjoni importanti ma' baned oħra bħall-każ ta' xi programm mużikali prestiġjuż jew servizzi barra minn Malta. Il-Kumitat tad-Direzzjoni flimkien mal-Kummissjoni Banda jiddeċiedi fuq kull każ wara li jkun irċieva bil-miktub sewwa mingħand il-bandist effettiv ikkonċernat u sewwa mingħand il-Banda li magħha jkun sejjer iwettaq is-servizz. Id-deċiżjoni konġunta tal-Kumitat tad-Direzzjoni u l-Kummissjoni Banda hija finali.[8]

**Nota 3b**: Dan il-paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' lealtà tidħol fis-seħħ għal bandisti ġodda mill-2017. Il-bandisti preżenti huma kollha meqjusa bħala bandisti effettivi, u hekk se jibqgħu jitqiesu, peress li dawn iggwadanjaw

---

[7] (a) u (b) f'dan il-paragrafu ġew miżjuda b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-4 ta' Diċembru 2017. Qabel, din il-figura kienet sempliċiment ta' 50% tas-servizzi tal-Banda Leone.

[8] Dan il-paragrafu ġie miżjud b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

jew tgħallmu mas-Soċjetà Leone u kellhom dejjem id-dritt tal-vot, mingħajr il-bżonn li jiffirmaw id-dikjarazzjoni ta' lealtà. Lista ta' dawn il-bandisti qed tiġi annessa ma' dan l-artiklu.

4. Bandisti Volontarji tal-Banda Leone huma dawk il-bandisti li:
    i. Ma jkunux iffirmaw id-dikjarazzjoni ta' lealtà mas-Soċjetà Leone minħabba ċirkustanzi varji, imma
    ii. Ikunu jdoqqu mal-Banda Leone b'mod volontarju u mingħajr ħlas

    a. Bandisti volontarji m'għandhomx dritt tal-vot, imma, lil dawk li jattendu għal 70% jew aktar tas-servizzi, tkun fid-diskrezzjoni tal-Kumitat tad-Direzzjoni li jingħatawlu benefiċċji oħra bħal skontijiet u biljetti tal-opra u/jew produzzjonijiet oħra.
    b. Bandisti volontarji xorta jiffirmaw għall-istrumenti u oġġetti oħra tas-Soċjetà mislufa lilhom.
    c. Bandisti effettivi li jonqsu milli jaderixxu ma' artiklu 2.3.d. fuq perjodu ta' sena mingħajr reġuni, jiġu ddikjarati bħala Bandisti Volontarji. F'dan il-każ, peró, id-dikjarazzjoni tal-lealtà tibqa' effettiva, u għalhekk is-Soċjetà Leone tibqa' tippretendi l-preċedenza fuq baned oħrajn anki mingħand il-Bandisti Volontarji.

5. Bandist li jkun ħalla mill-banda minn jeddu, u jkun jixtieq jirritorna, għandu jiġi approvat b'maġġoranza sempliċi mill-membri tal-kumitat.[9]

6. Soċji huma dawk kollha li jħallsu t-tariffa annwali tal-membri (*membership fee*) skont ma jipprovdi l-kumitat minn żmien għal żmien.

7. Bħala Presidenti Onorarji jistgħu jinħatru mill-kumitat dawk il-persuni li xi darba jew oħra okkupaw il-kariga ta' President jew Viċi-President tal-istess Soċjetà. Iżda l-kumitat jista' jaħtar persuni oħra wara li dawn ikunu ġabu żewġ terzi tal-voti tal-membri tal-kumitat f'votazzjoni sigrieta.

8. Membri onorarji huma dawk il-persuni li jiġu magħżula mill-kumitat wara li jkunu għamlu xi servizz speċjali lis-Soċjetà u jingħataw dan it-titlu flimkien ma' tifkira f'ċeremonja apposta.

9. Bandisti onorarji huma dawk il-bandisti li jkunu servew, bħala bandisti effettivi, lill-banda għal mhux inqas minn 15-il sena u

---

[9] Laqgħa Ġenerali Straordinarja fit-22.06.2010 kienet għażlet li bandist li jirritorna jrid il-50% u 1 tal-voti tal-membri tal-kumitat u l-bandisti residenti. B'emenda fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016, ir-ritorn ta' bandist irid jiġi approvat biss mill-Kumitat tad-Direzzjoni u l-Kummissjoni Banda.

jitilqu l-istrument minħabba kobor fl-età jew nuqqas ta' saħħa. Dawn jingħataw tifkira mill-kumitat f'ċeremonja apposta.

10. Ma jistax ikun aċċettat bħala membru tal-kumitat tad-direzzjoni xi ħadd li jkun impjegat mas-Soċjetà. Jekk il-kundizzjoni ta' xi membru tinbidel b'mod illi l-preżenza tiegħu fil-kumitat ma tkunx aktar mixtieqa, il-kumitat tad-direzzjoni jkollu d-dritt li jġiegħlu jiddimetti, iżda dan ikollu d-dritt jappella skont **Artiklu 2, par. 11**.

11. Għandu jinħatar Bord tal-Appell biex jisma' l-appelli mressqa minn persuna li tkun ġiet iddixxiplinata mill-Kumitat minħabba allegazzjoni ta' ksur ta' regolamenti. Dan il-bord għandu jkun iffurmat minn tliet persuni indipendenti, wieħed *chairman* u żewġ membri, magħżula mill-Kumitat fil-bidu tal-ħidma tiegħu. Għandhom jinħatru ukoll żewġ membri oħra bħala sostituti għall-imsemmija membri. L-appell irid ikun sar bil-miktub fi żmien ħamest'ijiem minn meta l-individwu jkun irċieva bil-miktub id-deċiżjoni tal-Kumitat. Il-bord irid jittratta dan l-appell fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta jirċevih. Hija fid-diskrezzjoni tal-bord li waqt it-trattazzjoni jisma' punti mressqa miż-żewġ partijiet. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali u inappellabbli għan-naħat kollha. Waqt iż-żmien tal-appell, il-persuni dixxiplinati jibqgħu jitqiesu bħala membri effettivi.[10]

---

[10] Dan il-paragrafu ġie miżjud fit-totalità tiegħu b'mozzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 15.01.2012. Miegħu ġie emendat il-paragrafu ta' qablu biex ikun koerenti. Fl-2012, kien deċiż li l-appell irid jidħol sa jumejn wara d-deċiżjoni. Fl-2016, dan iż-żmien ġie estiż sa żmien ħamest'ijiem.

## Artiklu 3 – Politika Partiġġjana

1. Is-Soċjetà ma tistax tieħu sehem f’kontroversji politiċi u ebda diskors politiku ma jista’ jsir fil-każin.

2. Il-Membri tal-Kumitat huma fid-dmir li jġibu l-interess tas-Soċjetà qabel kull interess politiku li jista’ jkollhom, u għandhom juru rispett u jżommu djalogu miftuħ, meta mitluba, ma’ kull membru parlamentari, irrispettivament mill-partiti fil-Gvern u l-Oppożizzjoni u mit-twemmin politiku tal-individwu li jkun membru fil-kumitat.[11]

[11] Dan l-artiklu ħa post artiklu ieħor li kien jgħid: “Membri tal-kumitat ma jistgħux ikunu membri ta’ direzzjoni ta’ xi partit jew każin politiku u ma jistgħu jikkontestaw ebda elezzjoni politika” b’emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta’ Novembru 2016.

## Artiklu 4 – Elezzjoni[12]

1. Il-membri tal-kumitat eletti, apparti l-President, iridu jġibu nofs il-voti validi u wieħed, jew aktar. Jekk il-President ikun ikkontesta waħdu għal din il-kariga, huwa jrid iġib żewġ terzi tal-voti validi – ara **artiklu 5, par. 8**.

2. Membri li jersqu għall-kumitat iridu jkunu n-nominati minn bandist jew membru tal-kumitat (preċedenti) u ssekondati minn bandist jew membru tal-kumitat (preċedenti). In-nomina trid iġġib il-firma tal-kandidat innifsu. Dawn in-nomini jridu jidħlu fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jew sa tlett'ijiem qabel l-elezzjoni.

3. Ebda persuna ma tista' tersaq għall-elezzjoni jekk ma tkunx soċju.

4. Biex l-elezzjoni tkun valida, iridu jivvutaw mhux anqas min-nofs il-bandisti u l-membri tal-kumitat intitolati għall-vot. Jekk l-elezzjoni tiġi annullata minħabba nuqqas ta' voti, trid issir elezzjoni oħra fi żmien ħmistax-il jum u tiġi aċċettata bin-numri ta' voti mitfugħa, ikunu kemm ikunu.

5. Intitolati għall-vot huma:
   i. Bandisti effettivi
   ii. Bandisti onorarji
   iii. Presidenti onorarji
   iv. Membri tal-kumitat (preċedenti)
   v. Kapijiet tal-fergħat tal-armar, vampa, briju, folk, kor, tombla.

   Persuni li jokkupaw aktar minn kariga waħda minn dawn, huma xorta intitolati għal vot wieħed biss.

L-għadd tal-voti fl-elezzjoni għall-ħatra tal-kumitat il-ġdid għandu jkun wieħed miftuħ u kull kandidat jew bandist għandu d-dritt li jkun preżenti waqt dan il-għadd. Kull kandidat għandu d-dritt li jara r-riżultat wara li jagħmel talba lill-Kummissjoni Elettorali.[13]

---

[12] Dan l-artiklu ħa post artiklu 4 ieħor, intitolat ukoll "Elezzjoni", b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016. L-artiklu 4 ta' qabel kien ġie ffurmat minn paragrafi li kienu f'artiklu 2. Minnhom ma kien inbidel xen, imma l-paragrafi kienu ġew riorganizzati f'artiklu separat iddedikat għall-elezzjoni. Dan kien sar bi proposta fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

[13] Dan il-paragrafu ġie miżjud fit-totalità tiegħu b'mozzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 20.01.2013.

**Artiklu 5 – Kumitat tad-Direzzjoni[14]**

1. Il-Kummissjoni Elettorali maħtura mill-Kumitat (preċedenti) titlob għan-nominazzjonijiet għal dawn il-karigi:
    i. President
    ii. Segretarju
    iii. Kaxxier
    iv. Kordinatur tal-Banda[15]
    v. Prokuratur tal-Festa
    vi. Direttur tal-Każin
    vii. Manager tat-Teatru
    viii. Rappreżentant tal-Fergħat

2. Il-Kumitat tad-Direzzjoni jiġi maħtur għal terminu ta' sentejn, liema elezzjoni issir sa ġimgħa wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' tmiem dan it-terminu. Ġimgħa wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' nofs it-terminu ma ssirx elezzjoni għall-membri maħtura bl-elezzjoni. Il-Membri tal-Kumitat tad-Direzzjoni maħtura skont artiklu 5 paragrafu 4 jiġu xolti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' nofs it-terminu u jridu jerġgħu jiġu maħtura dawn il-membri fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' nofs it-terminu.

3. Għandha ssir polza tal-vot f'forma ta' ktejjeb, b'kull paġna ddedikata għal kull waħda mill-karigi msemmija f'**artiklu 5 par. 1**, bl-ismijiet tal-kandidati rispettivi. Jekk votant jannulla l-vot għal xi kariga partikolari billi jivvota ħażin, jew ma jivvutax, ikun null biss dak il-vot għal dik il-kariga partikolari. Il-vot għall-karigi l-oħra jibqa' validu. Il-votant għandu jimmarka X, jew 1, jew sinjal ieħor ċar fil-kaxxa ta' ħdejn il-kandidat.

4. Mat-8 uffiċċjali msemmija f'**artiklu 5 par. 1**, għandhom jingħaqdu biex jiffurmaw il-Kumitat ċentrali:

    i. Żewġ bandisti fil-Kummissjoni Banda,
    ii. President tal-Aurora Youth Movement, maħtur mill-Kumitat Ċentrali,
    iii. Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, maħtur mill-Kumitat Ċentrali,
    iv. Massimu ta' 2 Viċi-Presidenti maħtura direttament mill-President,
    v. Massimu ta' 3 Assistenti Segretarji maħtura direttament mis-Segretarju,

---

[14] Dan l-artiklu ħa post artiklu 5 ieħor, intitolat ukoll "Kumitat tad-Direzzjoni", b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

[15] Miżjud b'emenda approvata waqt Laqgħa Ġenerali Annwali 16.01.2011.

vi. Assistent Kaxxier maħtur direttament mill-Kaxxier,
vii. Teżorier maħtur mill-Kumitat Ċentrali,
viii. Assistent Direttur tal-Każin maħtur direttament mid-Direttur tal-Każin,
ix. Assistent Manager tat-Teatru maħtur direttament mill-Manager tat-Teatru,
x. Il-Kapijiet tal-fergħat jew rappreżentant fiss tal-fergħat tal-armar, vampa, briju, folk u tombla, maħtura mill-Kumitat Ċentrali.

a. Il-President tal-Aurora Youth Movement u l-Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jiġu maħtura mill-membri tal-kumitat b'maġġoranza sempliċi. F'dawn il-karigi jistgħu jiġu maħtura persuni diġà eletti jew persuni 'l barra mill-kumitat. Mal-ħatra tagħhom, dawn jidħlu bħala membri effettivi tal-kumitat.

b. L-Assistenti u l-Viċijiet jinħatru direttament mill-uffiċċjali jekk dawn iħossu l-ħtieġa. Jistgħu jiġu magħżula minn fost il-membri diġà eletti fil-kumitat, jew minn individwi 'l barra mill-kumitat. Mal-ħatra tagħhom, dawn jidħlu bħala membri effettivi tal-kumitat.

c. Persuni li jiġu msejħa b'mod dirett biex iservu fil-kumitat skont **Artiklu 5 par. 5a u 5b**, għandhom ikollhom l-istess drittijiet u dmirijiet tal-membri kollha tal-Kumitat, jingħataw portafoll ta' ħidma li trid tkun speċifikata u mxandra lill-partitarji u l-ħatra tagħhom fil-Kumitat trid tiġi kkonfermata b'maġġoranza sempliċi fl-istess Kumitat.

d. Peress li d-Direttur Spiritwali jkun maħtur mill-Kurja tal-Isqof u mhux mis-Soċjetà Filarmonika Leone, dan jista' jattendi biss għall-bidu tal-laqgħat biex jgħid it-talba, sakemm ma jkunx mistieden apposta mill-Kumitat tad-Direzzjoni minħabba n-natura tal-aġenda, u m'għandux id-dritt tal-vot fid-deċiżjonijiet tal-Kumitat.

e. B'hekk, skont **artiklu 5 par. 1** u **artiklu 5 par. 5**, il-kumitat jista' jkun kompost minn massimu ta' wieħed u għoxrin membru.

5. Il-Kumitat jista' jagħmel *co-option* ta' mhux aktar minn żewġ membri oħra matul is-sena, f'każijiet meqjusa bżonnjużi. Anki dawk *co-opted*, ikollhom l-istess drittijiet u dmirijiet bħall-membri kollha tal-Kumitat, kif ukoll jintbagħtilhom portafoll ta' ħidma. Membri tal-kumitat li jiġu *co-opted*, iridu jġibu żewġ terzi tal-voti tal-membri tal-kumitat.

6. Apparti l-karigi uffiċjali, il-kumitat irid jaħseb għal persuni – minn fost il-membri eletti, jew 'il barra mill-kumitat – biex iservu f'dawn l-irwoli:

   i. Teżorier
   ii. Events Manager
   iii. Direttur tat-Tombla u/jew Ġbir ta' Fondi
   iv. Tessera u Relazzjonijiet mas-Soċji
   v. Konsulent Legali
   vi. Avukat Difensur
   vii. Maniġġjar tal-Opra
   viii. Direttur tax-Xogħlijiet
   ix. Implimentazzjoni tal-Proġett tal-Iskola tal-Mużika
   x. Żewġ awdituri
   xi. Surmast Direttur tal-Banda
   xii. Surmast Residenti tat-Teatru tal-Opra Aurora
   xiii. Assistent Surmast Direttur
   xiv. Għalliem/a tal-Alljievi

a. Dawn l-irwoli jistgħu jimtlew minn persuni diġà eletti fil-kumitat.

b. Dawn l-irwoli jistgħu ukoll jimtlew minn persuni 'l barra mill-kumitat, mingħajr ma jidħlu membri effettivi fil-kumitat. F'dan il-każ, il-persuni afdati b'dawn il-portafolji, jistgħu jintalbu jattendu għal xi laqgħat tal-kumitat, jew partijiet mil-laqgħat meta suġġett tad-diskussjoni jkun jikkonċerna lil xi responsabilità tagħhom.

c. L-awdituri għandhom jippreżentaw żewġ rapporti finanzjarji fis-sena (Novembru u Mejju). Magħhom jista' jinħatar awditur professjonali biex jiċċertifika l-kotba kollha tas-Soċjetà.

d. F'każ li jkun hemm il-bżonn ta' bidla fis-surmast direttur u/jew l-assistent tiegħu, persuna ġdida li tokkupa dan l-irwol trid tikseb l-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-bandisti f'votazzjoni apposta[16].

7. Il-votazzjoni għall-uffiċċjali tal-kumitat għandha ssir hekk:

a. President:
Fil-każ li jkun hemm aktar minn żewġ nominazzjonijiet għall-kariga, issir votazzjoni bejn il-kontestanti. Min iġib aktar minn 50% tal-voti, jiġi ddikjarat elett. Jekk ħadd ma jaqbeż il-50%, jaqa' l-kandidat li jġib l-inqas voti, u ssir votazzjoni oħra bejn il-kandidati li jibqa'.

---

16 Emenda approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 20.01.2013 għamlet din il-klawsola applikabbli biss f'każ ta' surmast direttur ġdid. Din inżammet bla mittiefsa anki wara l-emenda tas-6 ta' Novembru 2016.

Fil-każ li jkun hemm kandidat wieħed biss għall-kariga, dan jeħtieġ żewġ terzi tal-voti biex jiġi ddikjarat elett.

b. L-Uffiċċjali l-oħra:
F'kull eventwalità – sew jekk ikun hemm nominazzjoni waħda, sew jekk ikun hemm aktar – għandha ssir votazzjoni u jiġi ddikjarat elett il-kandidat li jakkwista aktar minn 50% tal-voti validi. F'każ ta' aktar minn 2 nominazzjonijiet, jiġi ddikjarat elett dak li jġib l-akbar numru ta' voti.

8. F'każ li ma jkunx hemm nominazzjoni għal xi kariga, jew ħadd ma jiġi elett għal xi kariga partikolari, minħabba nuqqas ta' voti, il-Kumitat, fl-ewwel laqgħa tiegħu għandu jfittex u jaħtar persuna – anki minn barra mill-Kumitat – biex jimla u jservi f'din il-kariga.
   a. Jekk xi kandidat li jkun ġie nnominat waħdu għal xi kariga ma jiġix elett mill-elettorat, il-Kumitat ma jistax jagħżlu biex iservi f'dik l-istess kariga jew bħala assistent ta' dik l-istess kariga. Jista' pero jservi f'kariga jew bħala assistent f'kariga oħra.
   b. B'talba ta' mqar 25% ta' dawk eliġibbli għall-vot, għandha ssir elezzjoni biex tali ħatra tiġi kkonfermata mill-elettorat.

9. F'każ li ma jkunx hemm nominazzjoni għall-kariga ta' President, l-elezzjoni għandha ssir xorta waħda. Id-dmirijiet tal-President jgħaddu għand is-Segretarju sakemm il-kariga ta' President tiġi okkupata. Sadanittant, il-Kumitat għandu jagħmel ħiltu kollha biex javviċina persuna addattata għal din il-kariga. La tinstab, din il-persuna għandha xorta tersaq għal elezzjoni li għaliha jivvutaw il-Bandisti effettivi u onorarji u l-membri tal-kumitat li jkun għadu kif ġie elett.

10. Is-Segretarju tal-Kumitat għandu l-obbligu li jsejjaħ persuni oħra għal-laqgħat tal-Kumitat, jekk l-aġenda għad-diskussjoni tkun tinkludi materji li jirrigwardjaw dawn il-persuni jew responsabilitajiet varji li jista' jkollhom fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Leone.

11. Il-Kumitat jista' jagħmel ħatriet ta' karigi onorarji skont l-istatut, imma għandu d-dmir li jaħtar kummissjonijiet u sotto-kumitati oħra biex jgħinuh fit-tmexxija.

## Artiklu 6 – Laqgħat tal-Kumitat u Proċedura

1. Il-Kumitat tad-Direzzjoni għandu jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar, u l-kworum għandu jkun ta' seba' membri. F'każ li l-kworum ma jintlaħaqx, is-seduta tibda kwarta wara bil-membri preżenti.[17]

2. Fin-nuqqas tal-President, u tal-Viċi-President, jippresiedi s-seduta l-membru li jiġi elett minnha. Fin-nuqqas tas-Segretarju u l-assistent tiegħu, dawk preżenti jaħtru Segretarju proviżorju minn fosthom.

3. Is-seduti jkunu msejħa mis-Segretarju b'arranġament mal-President permezz ta' ċirkulari mhux anqas minn tlett ijiem qabel il-ġurnata ffissata għas-seduta, barra f'każijiet urġenti li jistgħu jiġu avżati wkoll bit-telefon jew b'mezzi oħra. Din iċ-ċirkulari għandha tindika d-data, il-ħin u l-aġenda. Seduta b'urġenza tista' tissejjaħ ukoll b'petizzjoni ta' 50% tal-membri tal-kumitat, ippreżentata lis-Segretarju u lill-President. Din tissejjaħ skont id-data proposta mill-membri li jiffirmawha.[18]

4. Id-deċiżjonijiet tal-kumitat tad-direzzjoni jittieħdu b'maġġoranza relattiva tal-voti. B'talba, anki ta' wieħed biss mill-membri, il-votazzjoni għandha tkun sigrieta.

5. Il-membri tal-kumitat tad-direzzjoni huma obbligati jżommu l-akbar segretezza fuq dak kollu li jintqal jew isir waqt is-seduti tal-kumitat. Kull membru li jonqos minn dan jista' jiġi sospiż u/jew imkeċċi mill-kumitat, biss ikollu d-dritt li jappella mid-deċiżjoni tal-kumitat skont Artiklu 2, par. 10

6. Kull membru tal-kumitat li jonqos li jattendi għal seduta, għandu jagħti ġustifikazzjoni bil-miktub sa mhux aktar tard mis-seduta li jkun imiss. Din il-ġustifikazzjoni trid tinqara f'seduta u trid tkun aċċettata mill-kumitat. Min jonqos aktar minn 50% tas-seduti mingħajr ġustifikazzjoni aċċettata bħala sodisfaċenti sa meta jxolji l-kumitat, ma jistax jerġa' jikkontesta l-elezzjoni li jkun imiss. Dan ikollu dritt jappella f'seduta ġenerali annwali. Jekk ma jkunx hemm appell jew f'każ ta' appell li fih is-seduta ġenerali tikkonferma l-ineliġibilità tiegħu, il-Kummissjoni Elettorali għandha l-obbligu ma taċċettax lil dan il-membru fl-elezzjoni li jkun imiss.[19]

---

[17] Il-frekwenza minima tal-laqgħat tnizzlet minn 2 laqgħat għal laqgħa waħda fix-xahar u l-kowrum tnizzel għal 7 persuni biex jirrifletti l-bidla fil-formazzjoni tal-kumitat li huwa essenzjalment iżgħar minn dak ta' qabel. Il-frekwenza tnizzlet peress li l-istatut issa jippromovi aktar laqgħat ta' kummissjonijiet u sotto-kumitati.

[18] Is-seduta b'urġenza permezz tal-petizzjoni żdiedet b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014.

[19] Din il-klawsola ġiet emendata b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014. Il-kwota ta' 3 assenteiżmi mingħajr ġustifikazzjoni saret 50% tal-laqgħat, u l-ġustifikazzjoni qed tintalab bil-miktub biex tinqara fil-laqgħa ta' wara.

7. Membru li jattendi tard għal-laqgħa bla ma jkun ħa parti fid-diskussjoni ma jkunx jista' jivvota. Iżda jkun jista' jivvota f'diskussjonijiet oħra li fihom ħa parti mill-bidu.

8. Il-Viċi-President, u l-assistenti tal-uffiċjali tal-kumitat għandhom jissostitwixxu fejn ikun hemm bżonn lil dawk li jokkupaw dawn il-karigi rispettivi. Jekk xi wieħed mill-membri uffiċjali msemmija ma jkunx jista' jattendi għad-doveri tiegħu, dan għandu javża lill-assistent tiegħu biex jattendi minfloku.

9. Il-kumitat jiddeċiedi f'okkażjonijiet speċjali u skont iċ-ċirkustanzi, min għandu jirrappreżenta lis-Soċjetà fil-każ li l-membri uffiċjali ma jkunux jistgħu jattendu huma.

10. Il-kumitat hekk iffurmat jibqa' fil-kariga sakemm jinħatar il-kumitat il-ġdid b'elezzjoni li ssir għall-ħabta ta' Novembru[20] ta' kull sena.

11. Is-Segretarju, jew min jaġixxi floku, għandu l-obbligu li jżomm id-deċiżjonijiet u proċeduri li jkun ħa, ġo *file* apposta, sabiex dawn ikunu ta' għajnuna għall-kumitati segwenti.[21]

---

[20] Ix-xahar inbidel minn Jannar għal Novembru, b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014.

[21] Dan l-artiklu fit-totalitá tiegħu, ġie miżjud b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

## Artiklu 7 – Laqgħa Ġenerali Annwali

1. Laqgħa Ġenerali Annwali għandha tissejjaħ mhux aktar tard mill-aħħar ta' Novembru[22] biex jiġi ppreżentat u approvat rapport amministrattiv mis-Segretarju u dak finanzjarju mill-Kaxxier. Rapporti oħra jistgħu jintalbu mill-kumitat mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma ssir din il-laqgħa u li trid tkun avżata bil-miktub 48 siegħa qabel il-ħin iffissat.

2. Għal din il-laqgħa jistgħu jattendu:
   i Membri tal-Kumitati.
   ii Bandisti
   iii Soċji[23]

3. Għandha tiġi adottata l-proċedura ta' laqgħa normali bħal dik tal-kumitat tad-direzzjoni u bħalha tkun preseduta mill-President jew persuna oħra maħtura floku.

4. L-istatut għandu jiġi emendat biss f'Laqgħa Ġenerali Annwali jew f'laqgħa oħra msejħa apposta. Emendi għall-istatut għandhom jaslu għand is-Segretarju mhux inqas minn tlett ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa ġenerali annwali. Il-ġranet tas-Sibt, Ħadd u festi pubbliċi m'għandhomx jiġu meqjusa bħala 'jiem ta' xogħol' għall-fini ta' dan l-artiklu. Emendi għall-istatut jistgħu jkunu proposti u ssekondati biss minn membri fil-kumitat jew bandisti effettivi. Kull emenda trid tgħaddi b'żewġ terzi tal-voti validi. Dawn l-emendi għandhom jiġu diskussi mill-eżekuttiv, sabiex jara jekk jirriżultax li hemm xi proposti jew emendi kontroversjali li jistgħu jkunu ta' dannu għas-Soċjetà. F'dan il-każ, l-eżekuttiv huwa obbligat li jsejjaħ laqgħa urġenti tal-kumitat sabiex jiddeċiedi fl-aħjar interess tas-Soċjetà.

5. Il-President jew min jagħmilha minfloku, ma jistax jivvota ħlief meta jkun meħtieġ jitfa' *casting vote* f'każ ta' parità fil-votazzjoni.

6. Ħadd minn dawk preżenti ma jista' jivvota fuq proposta jew emenda jekk ma jkunx:
   i) Bandist effettiv
   ii) Bandist onorarju
   iii) President Onorarju
   iv) Membru tal-Kumitat li għadhom kif spiċċaw mill-kariga
   v) Kapijiet tal-fergħat tal-armar, vampa, briju, folk, kor, tombla[24]

---

22 Ix-xahar inbidel minn Jannar għal Novembru, b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014.

23 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016 approvat li biex partitarju jattendi għal-Laqgħa Ġenerali Annwali u/jew Straordinarja, irid ikun ħallas it-tessera; dan bħala trattament daqsxejn aktar elevat lit-tesserati.

24 Dan il-paragrafu ġie mibdul għal kif inhu b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

7. Il-kworum għal din il-laqgħa għandu jkun ta’ żewġ terzi tal-membri tal-kumitat u bandisti flimkien. Jekk dan ma jintlaħaqx wara nofs siegħa, il-laqgħa ssir xorta waħda basta jkun hemm preżenti mill-hamsa u ghoxrin vot validu.

8. Is-Segretarju għandu jżomm il-minuti ta’ kull laqgħa ġenerali. Ikun ta’ interess, jekk dan iżomm ukoll il-lista ta’ dawk kollha preżenti.

9. Kull rapport li jinqara, sew fis-seduti tal-kumitat, sew dawk ġenerali, għandu jiġi mgħoddi lis-Segretarju, iffirmat mill-President u ssir referenza għalih fil-minuti fejn se jiġi ffirmat.

10. Il-minuti tal-laqgħa ġenerali huma aċċessibbli għas-soċi u bandisti, iżda fil-preżenza tas-Segretarju.

11. Fejn ir-regolamenti ta’ din il-laqgħa ma jipprovdux soluzzjoni, għandhom jiġu adottati dawk tas-seduta ġenerali straordinarja.

**Artiklu 8 – Laqgħa Ġenerali Straordinarja**

1. Tista' tissejjaħ fuq talba bil-miktub u ffirmata minn mhux inqas minn Ħamsin (50) soċju, jew ħamsin fil-mija (50%) tal-membri tal-kumitat tad-direzzjoni, jew ħamsin fil-mija (50%) tal-bandisti effettivi u trid tintbagħat lis-Segretarju. Dan ikun obbligat li jsejjaħ seduta tal-kumitat fi żmien għaxart ijiem minn mindu tasallu t-talba. Il-kumitat hekk imlaqqa' għandu jiffissa d-data tas-seduta ġenerali mitluba fl-inqas żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn ħmistax–il ġurnata u trid tkun avżata mill-inqas 48 siegħa qabel.

2. L-aġenda ta' kull seduta ġenerali għandha tintbagħat lis-soċi kollha u titwaħħal fuq in-*notice board* tal-każin mhux inqas minn tmint ijiem qabel id-data tal-istess seduta. Jekk xi soċi ma jkunux irċevew aġenda, dan ma jagħtix lok għall-annullament tal-istess seduta ġenerali.

3. Il-kworum ta' din is-seduta ġenerali għandu jkun ta' sittin (60), bejn membri tal-kumitat, soċi u bandisti. Jekk ma jkunx hemm dan in-numru fil-ħin avżat fiċ-ċirkulari, is-seduta ssir kwarta wara bin-numru tal-membri tal-kumitat, soċi u bandisti preżenti, basta dawn ma jkunux anqas minn għoxrin (20). Ikun ta' interess jekk tinżamm lista ta' dawk is-soċi u bandisti li jattendu seduti ġenerali u tkun mehmuża mal-minuti; dawn il-minuti għandhom jinżammu mis-Segretarju tal-kumitat.

4. Fejn ir-regolamenti ta' din il-laqgħa ma jipprovdux soluzzjoni, għandhom jiġu adottati r-regolamenti tal-laqgħa ġenerali annwali.

5. Il-bandist jew is-soċju jew xi membru tal-kumitat li jkun meqjus bħala sospiż jew imkeċċi mill-kumitat ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħat ġenerali.

6. Qabel ma tibda s-seduta ġenerali, għandu jiġi assigurat li fost il-preżenti ma jkunx hemm xi persuna hekk meqjusa li tabbuża u tattendi għal-laqgħa. F'dan il-każ, il-President jobbligaha tirtira mil-laqgħa.

7. Mistoqsijiet dikjarati urġenti mill-President tal-laqgħa, jistgħu jsiru u jiġu ttrattati fl-ordni kif jiddeċiedi huwa stess.

8. Laqgħat ġenerali oħra jistgħu jissejħu kull meta l-President ikun ta dan il-parir jew kull meta l-kumitat, fuq maġġoranza sempliċi, jiddeċiedi li għandu jsejjaħ laqgħa bħal din. Dawn għandhom isegwu r-regolamenti preċedenti u tal-laqgħa ġenerali annwali.

**Artiklu 9 – Membri Uffiċjali u Xogħol Relatat[25]**

1. Il-President
   a) Il-President huwa l-ogħla uffiċjal tas-Soċjetà. Hu, jew min jaġixxi floku, bis-setgħa mogħtija lilu b'**Artiklu 6, par. 2**, jippresiedi s-seduti ġenerali u dawk tal-kumitat, u jivvota biss f'każ li l-voti jkunu ugwali. Huwa għandu s-setgħa li jxolji l-kumitat jekk jidhirlu li l-maġġoranza tal-membri ma tkunx qed tagħti s-sehem tagħha għat-tmexxija tas-Soċjetà. F'dan il-każ, l-elezzjoni trid issir fi żmien xahar wara x-xoljiment.
   b) Huwa għandu jara li waqt laqgħat tal-Kumitat, jingħata rendikont ta' kull attività li tiġi organizzata mis-Soċjetà, jew minn korpi fi ħdanha, sew jekk din issir fil-każin u/jew fit-teatru, u sew jekk issir barra. Dan ir-rendikont għandu jingħata fi żmien ħmistax-il jum minn meta tkun saret l-attività.
   c) Huwa għandu jmexxi lis-Soċjetà 'l quddiem u jkun ta' eżempju għal sħabu tal-kumitat, għall-bandisti u għas-soċji.
   d) Huwa għandu jħares l-istatut, jara li jiġi osservat, ikun imparzjali u jieħu kull pass meħtieġ skont ma jipprovdi dan l-istatut.

2. Is-Segretarju
   a) Dan huwa t-tieni uffiċjal tal-Kumitat u jieħu f'idejh it-tmexxija tas-Soċjetà kollha, kull meta l-President iħoss li ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu.
   b) Is-Segretarju huwa l-persuna legalment u ġudizzjarjament responsabbli u li taħt ir-responsabilità tiegħu jibqgħu d-dmirijiet kollha kif stipulat fl-istatut, inkluż ix-xogħol klerikali.
   c) Bis-saħħa ta' **Artiklu 5 par. 5(vi)** huwa għandu d-dritt jaħtar assistenti.
   d) Huwa għandu jesegwixxi l-ordnijiet mogħtija mill-President u/jew maqbula fil-laqgħat tal-Kumitat.
   e) Għandu jara li s-Soċjetà timxi skont l-istatut u/jew skont deċiżjonijiet meħuda mill-istess Kumitat.
   f) Huwa għandu jirrappreżenta lis-Soċjetà fin-nuqqas tal-President.
   g) Flimkien mal-President u l-kaxxier, huwa għandu jieħu ħsieb it-tmexxija finanzjarja tal-każin.
   h) Huwa fid-dmir li jikkordina l-pubbliċità u stqarrijiet uffiċjali tas-Soċjetà mal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jew persuni oħra b'din ir-responsabilità.
   i) Huwa obbligat iżomm il-korrispondenza kollha tas-Soċjetà.
   j) Huwa obbligat iżomm il-minuti tal-laqgħat kollha – laqgħa ġenerali annwali u/jew straordinarji, laqgħat tal-kumitat, u

---

[25] Dan l-artiklu ħa post artiklu 9 ieħor, intitolat ukoll "Membri Uffiċjali u Xogħol Relatat" b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

meta hemm bżonn anki ta' kummissjonijiet – u jaqrahom fil-bidu ta' kull laqgħa.

k) Huwa għandu jirrappreżenta lis-Soċjetà quddiem il-qrati
l) Huwa, jew xi wieħed mill-assistenti tiegħu ddelegat minnu, għandu jiffirma kull korrispondenza jew avviż tas-Soċjetà.
m) Huwa għandu jħejji u jippreżenta r-rapport amministrattiv tas-sena ta' qabel fil-laqgħa ġenerali annwali.
n) Għandu jieħu ħsieb li jagħmel u jġedded il-permessi kollha meħtieġa mis-Soċjetà.
o) Jiġbed l-attenzjoni tal-uffiċjali u tal-membri tal-Kumitat jekk dawn jonqsu minn dmirijiethom.
p) Fil-bidu tas-sena, huwa għandu d-dmir ilaqqa l-Kummissjoni Finanzi biex iħejju pjan tan-nefqa għal matul is-sena korrenti.
q) Huwa għandu jara li l-impjegati tas-Soċjetà (jekk ikun il-każ), jaqdu dmirhom tajjeb u josservaw il-ħinijiet tax-xogħol, juru rispett lejn il-membri tal-Kumitat u lejn is-Soċji.
r) Huwa għandu jieħu l-provvedimenti meħtieġa li jidhirlu, f'kull ċirkustanza biex fl-ambjent tal-każin jiġu mħarsa s-serjetà u l-bon ordni.
s) Huwa għandu jkollu f'idejh, flimkien mal-President, it-tmexxija ta' kuljum tas-Soċjetà u għandu d-dritt u d-dmir li jieħu deċiżjonijiet ta' natura urġenti flimkien mal-President. Il-Kumitat jibqa' dejjem dak l-organu li għandu jieħu d-deċiżjonijiet maġġuri u għalhekk, is-Segretarju jibqa' dejjem obbligat li jinforma lill-kumitat b'xi deċiżjonijiet urġenti li jkollu jieħu.

3. Il-Kaxxier

a) Il-kaxxier għandu jieħu ħsieb id-dħul u l-ħruġ tal-flus. Il-ħlasijiet għandhom isiru b'ċekk li jġib il-firma ta' tnejn minn erbgha minn:
    i. Kaxxier,
    ii. President
    iii. Segretarju
    iv. Persuna mahtura mill-President, Segretarju u l-Kaxxier sabiex jopera ta' firmatarju.
b) Huwa għandu jżomm il-kotba kontabbli kollha tas-Soċjetà
c) Huwa għandu jinforma lill-Kumitat tad-Direzzjoni darba fix-xahar bid-dħul u l-ħruġ tax-xahar ta' qabel
d) Fil-laqgħa ġenerali annwali għandu jagħti rendikont finanzjarju. Kopja ta' dan ir-rendikont għandha tingħata lill-Kumitat biex jiddiskutih fl-aħħar laqgħa tiegħu qabel il-laqgħa ġenerali annwali. Dan ir-rapport għandu jiġi miżmum mal-minuti tal-laqgħa ġenerali annwali.
e) Skont **Artiklu 5 par. 5(vii)** għandu d-dritt li jaħtar Assistent Kaxxier, li jiġi assunt bħala membru effettiv tal-kumitat, biex jgħinu fil-ħidma tiegħu.

f) Huwa għandu jagħti l-fehmiet tiegħu meta l-kumitat jiġi biex jaħtar Teżorier u Awdituri skont **Artiklu 5 par. 7**.
g) Huwa, jew l-assistent tiegħu, għandu jżomm lista tal-oġġetti kollha li jinsabu fil-każin u inventarju tal-oġġetti li huma ta' valur, flimkien mal-istrumenti tal-banda bid-dettalji ta' liema bandist ġew mislufa lilu. Il-kaxxier għandu jagħti kopja ta' dawn l-inventarji lid-Direttur tal-Każin.
h) L-ebda żbank ma jista' jsir mingħajr il-firem ta':
    i. Kaxxier, u
    ii. President jew Viċi tiegħu, jew
    iii. Segretarju
i) Hija responsabilità tal-kaxxier li jikkontrolla kwalunkwe transazzjoni ta' flus.
j) Huwa għandu joħroġ il-kotba tal-irċevuti ta' kull ġbir, u l-biljetti ta' kull attività u jiċċertifikahom korretti skont id-dħul meta jiġu rritornati lilu flimkien mar-rikavat tal-flus. Wara għandu jgħaddihom lill-awditur biex jivverifikahom. Dan għandu jżomm reġistru għall-ħruġ ta' dawn il-kotba li fih jinżammu dawn id-dettalji:
    i. Numru tal-ktieb
    ii. Data tal-ħruġ u d-dħul
    iii. Skop għan-nefqa/dħul
    iv. Firma ta' min irċieva jew ħallas

   Ktieb li ma jintużax kollu għandu jkollu mniżżel fuq il-warrani tal-aħħar irċevuta l-ammont miġbur, u jkun iffirmat mill-Kaxxier u mill-persuna li kienet responsabbli mill-ktieb.
k) Il-Kaxxier jirrispondi lis-Segretarju u lill-Awdituri tas-Soċjetà, u jista' jiġi mitlub biex jgħaddi r-reġistru (*cash book*) lilhom għal xi verifiki.

4. Kordinatur tal-Banda[26]
a) Għandu r-responsabbiltà li jara li l-Kummissjoni Banda qed topera u taqdi dmirijietha.
b) Għandu jkun il-kuntatt ewlieni bejn is-Soċjetà u l-Bandist.
c) Għandu jieħu ħsieb javża lill-bandisti għall-kunċerti, provi u servizzi li jkollha l-banda.
d) Għandu jżomm l-attendenzi kollha tal-bandisti, bir-rendikonti tal-ħlasijiet ta' kull servizz.
e) Għandu jżomm u jaġġorna l-inventarju tal-oġġetti tas-Soċjetà li jinsabu fil-pussess tal-bandisti (uniformi, strumenti u affarijiet oħra), u jgħaddi kopja ta' dan l-inventarju lill-Kumitat Ċentrali kull meta jiġi mitlub.
f) Jieħu ħsieb iqassam l-oġġetti tas-Soċjetà lill-bandist ġdid u bandisti barranin li jiġu jdoqqu mal-Banda Leone u jiġbor l-istess oġġetti proprjetà tal-Banda Leone mingħand bandisti li jħallu lill-Banda.

---

26 Dan l-artiklu ġie miżjud fit-totalità tiegħu b'emenda approvata waqt Laqgħa Ġenerali Annwali 16.01.2011

g) Huwa għandu jipprova jsolvi d-differenzi bejn is-Soċjetà u xi bandist li jista' jkollu xi diffikultà jew problemi. Dan għandu jagħmlu dejjem f'konsultazzjoni mal-Kumitat Ċentrali.
h) Għandu jassumi fir-responsabilità tiegħu, materji oħra li huma relatati mal-bandisti.
i) B'kordinazzjoni mas-surmast direttur għal raġunijiet artistiċi u mal-kumitat għal raġunijiet finanzjarji, huwa għandu jingaġġja bandisti barranin għal mal-Banda Leone għal servizzi partikolari, skont il-ħtieġa, jiftiehem il-prezz minn qabel u jżomm sewwa estimi tal-ispejjeż qabel is-servizz u sewwa rendikont tal-ispejjeż wara l-istess servizz.
j) Jieħu ħsieb li s-servizzi li għandha bżonn il-banda, inkluż trasport, ġarr ta' strumenti, standard, biljetti tal-vapur għal bandisti Maltin, eċċ, ikun hemm min ikoprihom.

5. Prokuratur tal-Festa
a) Għandu jieħu ħsieb il-preparamenti kollha tal-festa, inkluż il-kundizzjoni tal-armar, u jaħdem id f'id mal-kumitat tan-nar u tal-briju biex jorganizzaw attivitajiet li jħallu qligħ finanzjarju għall-festa. Għal dan ix-xogħol hemm l-għajnuna tad-Direttur tat-Tombla u/jew Ġbir ta' Fondi.
b) Iżomm inventarju tal-armar tal-festa u jgħaddi kopja tiegħu lill-Kaxxier u lid-Direttur tal-Każin.
c) Bl-għajnuna tal-kumitati msemmija, jikoordina u jattendi għal-laqgħat li jsiru dwar il-festa, inklużi dawk mill-Parroċċa tal-Katidral
d) Jieħu ħsieb li jlaqqa' l-Kummissjoni Festa
e) Jipprepara l-permessi kollha meħtieġa għall-firma tas-Segretarju
f) Iżomm attiv proċess ta' ħsieb u konsultazzjoni biex il-festa tibqa' tevolvi u taġġorna lilha nnifisha skont il-ħtiġijiet taż-żmien, waqt li jiġu mħarsa dawk il-karatteristiċi li jagħmluha unika.

6. Id-Direttur tal-Każin
a) Għandu jieħu ħsieb li jkollu taħt idejh iċ-ċwievet kollha u jara li l-inventarju jinżamm aġġornat.
b) Huwa għandu jieħu nota ta' xi oġġetti li jinħarġu mill-każin u jara li dawn jiġu rritornati fi żmien stipulat u f'kundizzjoni tajba.
c) Huwa fid-dmir li jara li l-każin jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ndafa, u li jkun miftuħ skont kif jistabbilixxi l-Kumitat.
d) Huwa għandu jara li l-impjegati (jekk ikun il-każ), jaqdu dmirijiethom u josservaw il-ħinijiet tax-xogħol tagħhom, u juru rispett lejn il-membri tal-kumitat u lejn is-soċji.
e) Huwa għandu jara ukoll li s-soċji u l-mistednin tagħhom iġibu ruħhom tajjeb fl-ambjent tal-każin.

f) Għandu jieħu dawk il-provvedimenti li f'kull ċirkustanza jidhirlu meħtieġa, għas-serjetà, il-ħarsien u l-bon ordni tal-każin.
g) Għandu jara li l-bandiera titla' fuq l-arblu tal-każin u li l-faċċata tinxtegħel skont kif jipprovdi dan l-istatut.
h) Għandu jieħu ħsieb il-logħob kollu tal-każin u jara li dan jiġġenera dħul sodisfaċenti.
i) Bis-saħħa ta' **Artiklu 5, par. 5(viii)**, huwa għandu d-dritt jaħtar assistent tiegħu li jiġi assunt bħala membru effettiv tal-kumitat biex jassistih fil-ħidma tiegħu.
j) Huwa jista' jaħtar xi persuni oħra biex jgħinuh f'ħidmiet varji, iżda dawn iridu jkunu approvati mill-kumitat minn qabel.

7. Manager tat-Teatru

a) Għandu jara li l-produzzjonijiet li jtella' jew jittellgħu fit-Teatru tal-Opra Aurora jkunu ta' livell għoli u ma jagħmlux ħsara lill-isem tat-teatru.
b) Għandu jieħu ħsieb, f'kollaborazzjoni mad-Direttur tal-Każin, l-assi tat-teatru, inkluż *equipment*, makkinarju, dwal u oġġetti oħra.
c) Għandu jikkomunika u jassisti lill-*production houses* li jkunu jixtiequ jtellgħu produzzjonijiet fit-teatru.
d) Għandu d-dmir li jiġbed l-attenzjoni tal-kumitat dwar u jissorvelja l-manutenzjoni, id-dekor u ż-żamma tat-teatru u l-faċilitajiet tiegħu, inkluża s-sala tal-kunċerti 29 t'April 1956.
e) Huwa għandu jiddelega u jikkummissjona lil min jaħdem fuq livell tekniku u artistiku.
f) Għandu jagħti l-kwotazzjonijiet u jħejji l-kontijiet lill-*production houses* li jagħmlu użu mit-Teatru tal-Opra Aurora u s-Sala tal-Kunċerti *29 t'April 1956*, u jagħti rendikont ta' kollox lill-Kaxxier u lill-Kumitat.
g) Bis-saħħa ta' **Artiklu 5 par. 5(ix)** għandu d-dritt li jaħtar assistent tiegħu, li jiġi assunt bħala membru effettiv tal-kumitat, biex jassistih fil-ħidma tiegħu.

8. Rappreżentant tal-Fergħat

a) Għandu jżomm kuntatt kontinwu mal-mexxejja tal-fergħat fi ħdan is-Soċjetà.
b) Għandu jlaqqa' lill-mexxejja tal-fergħat perjodikament sabiex jiddiskutu l-attivitajiet li se jorganizzaw u problemi ġenerali li qed jaffaċċjaw.
c) Għandu jara li ma jkunx hemm kunflitti jew nuqqas ta' komunikazzjoni bejn dawn l-istess fergħat.
d) Għandu jressaq pjanijiet, rapporti ta' andament u problemi lill-Kumitat f'isem dawn l-għaqdiet.
e) Il-fergħat rappreżentati minnu huma: L-Għaqda Armar Santa Marija, is-Sezzjoni Briju Santa Marija, VAMPA Organisations,

Aurora Folk Group, Aurora Youth Movement u l-Aurora Youth Choir.

9. Portafolli Oħrajn

a) Arkivista:
   i. Huwa għandu jara li l-mużika patrimonju tas-Soċjetà tinżamm f'kundizzjoni tajba;
   ii. Jara li jkollu l-elenku aġġornat ta' din il-mużika u miżmum f'verżjoni elettronika;
   iii. Ikun responsabbli mill-ħruġ, tqassim u ġbir mill-ġdid tal-mużika kollha;
   iv. Jipproponi u jesegwixxi deċiżjonijiet tal-kumitat rigward mużika li għandha tinxtara, jew titpartat ma' mużika oħra;
   v. Iżomm kont ta' kwalunkwe donazzjoni jew tpartit ta' mużika li tkun awtorizzat is-Soċjetà;
   vi. Iħejji l-kopji kollha meħtieġa għas-servizzi/kunċerti tal-banda;
   vii. L-arkivista għandu jkun b'mod awtomatiku parti mill-Kummissjoni Banda, mhux neċessarjament mill-Kumitat tad-Direzzjoni;
b) Teżorier:
   i. F'ħidma mal-kaxxier, għandu jieħu ħsieb jimmaniġġja l-assi finanzjarji tas-Soċjetà;
   ii. Jaċċerta li l-investimenti tas-Soċjetá qegħdin irendu dħul tajjeb u li d-dejn tas-Soċjetà jinżamm dejjem ikkontrollat;
   iii. Huwa għandu jkun b'mod awtomatiku parti mill-Kummissjoni Finanzi, mhux neċessarjament mill-Kumitat tad-Direzzjoni;
c) Relazzjonijiet Pubbliċi:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jieħu ħsieb li jagħti pubbliċità meħtieġa ta' kull attività u kull avveniment tas-Soċjetà;
   ii. għandu jżomm djarju dettaljat tal-attivitajiet kollha tas-Soċjetà, li għandu jingħata lill-President fl-aħħar seduta ta' kull sena qabel ma jxolji l-kumitat;
   iii. għandu jżomm kull pubblikazzjoni li tirrigwardja lis-Soċjetà in ġenerali li tidher fil-ġurnali lokali jew barranin u jinforma lill-President jew lis-Segretarju b'kull kritika li tidher fl-istampa jew li tinstema' fuq il-mezzi tax-xandir, fl-iqsar żmien possibbli;
   iv. għandu jara li tintbagħat risposta immedjatament skont kif jiddeċiedi l-kumitat;
   v. għandu jkun l-editur ta' kull pubblikazzjoni li toħroġ is-Soċjetà u jara li din toħroġ bla telf ta' żmien.
   vi. għandu jieħu ħsieb, imantni u jaġġorna s-siti uffiċċjali tal-internet tas-Soċjetà Filarmonika Leone u t-Teatru

tal-Opra Aurora, siti oħra tal-internet relatati li jistgħu jinħolqu minn żmien għal żmien u l-kontijiet kollha tal-mezzi-soċjali (preżentament: facebook, youtube).

vii. Jista' wkoll, bl-approvazzjoni tal-kumitat, jifforma sotto-kumitat apposta biex jgħinu u jassistih fix-xogħol tiegħu.

d) Events Manager:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jieħu ħsieb, mill-bidu sal-aħħar avvenimenti organizzati mis-Soċjetà (li ma tinkludiex l-Opra annwali jekk ikun hemm persuna maħtura bil-portafoll tagħha).
   ii. Dan għandu jibda jipprepara għal avvenimenti annwali u jaħseb f'possibilitajiet ta' attivitajiet ġodda.
   iii. Jista' wkoll, bl-approvazzjoni tal-kumitat, jifforma sotto-kumitat apposta biex jgħinu u jassistih fix-xogħol tiegħu.

e) Direttur tat-Tombla u/jew Ġbir ta' Fondi:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jara li s-Soċjetà inġenerali jkollha attivitajiet li jrendu sabiex dawn jiġu investiti fi proġetti importanti;
   ii. Jara li l-logħob tat-tombla għandu l-istaff meħtieġ biex ikun jista' jsir – mill-armar tiegħu saż-żarmar u t-tindif;
   iii. Jara li l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet tat-tombla qiegħda ssir b'mod ekwu bejn il-fergħat diversi tas-Soċjetà;
   iv. Jara li l-ġbir ta' fondi jimxi ma' linjigwida li joħroġ il-Kumitat Ċentrali
   v. Jara li l-ġbir ta' fondi għandu l-istaff meħtieġ biex ikun jista' jsir.

f) Tessera u Relazzjonijiet mas-Soċji:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jieħu ħsieb l-organizzazzjoni, promozzjoni u l-ġbir relatat mat-tessera, li għandha tinġabar f'Jannar ta' kull sena;
   ii. għandu jara u jikkordina x'offerti, anke ġodda, jistgħu jiġu offruti lit-tesserati;
   iii. għandu jassisti lis-Segretarjat biex ċirkularijiet regolari/straordinarji lit-tesserati jinħarġu fiż-żmien opportun

g) Konsulent Legali:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jagħti, kull meta mitlub, konsulenza legali lill-Kumitat.
   ii. Dan jista' jkun ukoll l-Avukat Difensur tas-Soċjetà jew joffri l-pariri dwar min jista' jkun/u avukat/i difensur/i f'ċirkostanzi speċjali.

h) Maniġġjar tal-Opra:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu jassumi responsabblità li tiġi organizzata l-Opra Annwali;

ii. għandu jieħu ħsieb li titlaqqa Kummissjoni Opra, jinbdew u jissorvelja l-preparamenti, l-esekuzzjoni u l-post-mortem ta' kull opra;
iii. jittratta mal-gvern – hu jew xi ħadd ieħor iddelegat mill-kumitat – biex jiġu mplimentati programmi ta' għajnuna li joħroġ il-Gvern għall-opra minn żmien għal żmien;

i) Direttur tax-Xogħlijiet:
   i. Kull meta jiġi mlaħħaq *working-group* dwar xi suġġett jew proġett, għandu jara li dan il-*working-group* jitlaqqa' u jaħdem.
   ii. Dan għandu jagħti rendikont tal-progress tiegħu u jwieġeb lis-Segretarju.

j) Implimentazzjoni tal-Proġett tal-Iskola tal-Mużika:
   i. Min jassumi dan il-portafoll għandu d-dmir li jissorvelja l-proġett tal-iskola tal-Mużika;
   ii. jara li l-*working-group* tiegħu qiegħed jitlaqqa' u jaħdem;
   iii. jagħti rendikont tal-progress tiegħu lill-kumitat;
   iv. jirrappreżenta lis-Soċjetá għal taħdidiet mal-Gvern u entitatjiet oħra li jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jimmaterjalizza u jirnexxi dan il-proġett;

**Artiklu 10 – Kummissjonijiet**

1. Il-kumitat jista' jaħtar kummissjonijiet u sotto-kumitati skont ma jidhirlu, iżda huwa fid-dmir li jaħtar:
   Kummissjoni Elettorali
   Kummissjoni Banda
   Kummissjoni Finanzi
   Kummissjoni Storiko-Kulturali
   Sotto-Kumitat Palk
   Sotto-Kumitat Aurora Folk Group
   Sotto-Kumitat Aurora Youth Movement
   Kumitat Eżekuttiv
   Bord biex iżomm l-ordni

2. Il-President tas-Soċjetá għandu d-dritt u d-dmir li jattendi għal-laqgħat tas-sotto-kumitati kollha, speċjalment meta jkun meħtieġ, iżda jista' jiddelega lil xi ħadd biex jattendi minn floku meta ma jkunx jista'.

3. Kull sotto-kumitat għandu jmexxi l-laqgħat tiegħu skont ir-regolamenti tal-kumitat tad-direzzjoni.

4. Kull sotto-kumitat għandu jaħtar Kaxxier u/jew a/Kaxxier u dawn għandhom jaħdmu id f'id mal-Kaxxier tas-Soċjetá. Dawn għandhom jagħtu rapport tad-dħul u l-ħruġ tal-flus kull sitt xhur u l-bilanċ li jibqa' għandhom jgħadduh lill-Kaxxier tas-Soċjetá. Huma jistgħu però, iżommu f'idejhom somma flus ta' mhux aktar minn mitejn u ħamsin (250) ewro li tkun tidher bħala bilanċ fuq il-kotba tagħhom.

5. Iċ-ċermen ta' kull sotto-kumitat għandu jinħatar mill-kumitat tad-direzzjoni, anki jekk ma jkunx membru fil-kumitat stess. F'tali każ, il-membri tal-kumitat għandhom ikunu għaqlin lil min jaħtru, u jistgħu jappuntaw membru tal-kumitat li għalkemm ma jkunx ċermen, jattendi fil-laqgħat tas-sotto-kumitat.[27] Iċ-ċermen għandu jagħti rapport tal-attività tas-sotto-kumitat tiegħu darba fix-xahar u għandu wkoll iressaq għall-approvazzjoni tal-kumitat tad-direzzjoni, kull proposta li titressaq quddiemu qabel ma tittieħed deċiżjoni.

6. Kull sotto-kumitat jista' jinkludi fih membri li mhumiex membri tal-kumitat tad-direzzjoni.

---

[27] Din is-sentenza f'paragrafu 5 ġiet miżjuda b'emenda fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

**Artiklu 11 – Kummissjoni Elettorali**

1. Il-Kummissjoni Elettorali tkun magħżula mill-kumitat f'waħda mill-aħħar seduti li jsiru fix-xahar ta' Diċembru. Din tkun komposta minn tal-inqas tliet membri lkoll soċi. Dawn għandhom jiltaqgħu ħalli jippreparaw il-proċedura għall-elezzjoni tal-kumitat tad-direzzjoni l-ġdid.

2. Il-Kummissjoni Elettorali tibqa' fil-kariga għal sena. F'każ ta' elezzjoni parzjali tieħu ħsieb tagħmel dak li huwa meħtieġ skont ma hu stabbilit fl-istatut rigward l-għażla tal-kumitat. Il-membri tagħha ma jistgħux ikunu la kandidati għall-kumitat u lanqas membri ta' xi kummissjoni oħra, ħlief ta' kummissjoni speċjali u temporanja.

3. Il-Kummissjoni Elettorali għandha l-obbligu li tħares u tiżgura li l-kandidati huma eliġibbli li jikkontestaw l-elezzjoni. Dan billi taċċerta li l-kandidati huma soċji tas-Soċjetà, li jikkwalifikaw għall-elezzjoni skont il-kundizzjonijiet ta' Artiklu 6, numru 6, u li ma jkunux membri ta' direzzjoni ta' xi partit jew każin politiku.[28]

[28] Dan l-artiklu ġie miżjud fit-totalità tiegħu b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014.

**Artiklu 12 – Kummissjoni Banda**

1. Din għandha tkun komposta minn tal-inqas erba' membri tal-kumitat tad-direzzjoni fosthom il-President jew il-viċi tiegħu, u s-Segretarju, kif ukoll rappreżentanza ta' erba' bandisti jew aktar. Dawn jistgħu jaħtru membri oħra sew tal-kumitat kif ukoll barra mill-kumitat li jidhrilhom li huma kapaċi jgħinu f'din il-kummissjoni.

2. Għal-laqgħat tagħha, din il-kummissjoni tista' tadotta l-proċedura tal-kumitat b'xi tibdiliet li jkun hemm bżonn.

3. Kull mozzjoni mressqa fil-laqgħat ta' din il-kummissjoni trid tgħaddi b'maġġoranza tal-voti ta' dawk preżenti u wara, irid ikollha l-approvazzjoni tal-kumitat tad-direzzjoni.

4. Din għandha toħloq inċentivi biex tħajjar alljievi ġodda jistudjaw il-mużika u biex bandisti attivi juru lealtà lejn il-Banda Leone u jattendu għall-provi u għas-servizzi kollha tal-banda. Il-kummissjoni għandha żżomm id-dixxiplina kemm fl-attendenza kemm fl-imġiba tal-bandisti. Trid tkun hi li tagħti eżempju tajjeb.

5. Tieħu pariri tas-surmast direttur fejn ikun hemm bżonn biex il-banda tinżamm bilanċjata f'kull dipartiment.

6. Is-surmast direttur jiddependi direttament mill-kumitat tad-direzzjoni.

7. Is-surmast huwa responsabbli għad-direzzjoni teknika u artistika tal-banda, u għat-tmexxija tat-tagħlim tal-mużika. Jista' wkoll jinħatar bħala surmast residenti tat-Teatru tas-Soċjetà. Iżda dan ma jistax jopponi xi deċiżjoni li jista' jieħu l-kumitat tad-direzzjoni jekk iċ-ċirkustanzi jitolbu li xi surmast ieħor jidderieġi fit-teatru tas-Soċjetà.

8. F'każ li s-surmast direttur ma jkunx jista' jattendi (tkun xi tkun l-attività tal-banda), dan, bil-permess tal-kumitat għandu jiddelega lill-assistent tiegħu. Jekk għal xi raġuni dan ma jsirx, din id-delega għandha ssir direttament mill-kumitat.

9. Is-surmast u l-assistent tiegħu għandhom jaħdmu id f'id fl-attivitajiet mużikali kollha li jsiru f'isem is-Soċjetà u jaraw li l-banda tinżamm attiva u ppreparata tajjeb għal kull servizz li jkollha.

10. L-għalliema tal-alljievi għandhom jattendu għal-lezzjonijiet fil-ħin u jaraw li l-istrumenti mislufa lill-alljievi jinżammu f'kundizzjoni tajba. Għandhom iżommu wkoll attendenza tal-alljievi u d-dati u l-ħin tal-lezzjonijiet.

## Artiklu 13 – Kummissjoni Finanzi

1. Din il-kummissjoni għandha l-obbligu li tissorvelja l-finanzi kollha tas-Soċjetà.

2. Din il-kummissjoni għandu jkollha bħala ċermen lit-Teżorier, li huwa obbligat jagħmel laqgħa tal-finanzi tal-inqas darba kull xahrejn.

**Artiklu 14 – Aurora Youth Movement**[29][30]

1. Din l-għaqda hija fergħa tas-Soċjetà Filarmonika Leone, mwaqqfa fl-1972.

2. Din l-għaqda hija volontarja u mhix imwaqqfa għal skop ta' profitt.

3. L-għanijiet ewlenin ta' din l-għaqda huma:
   a. L-involviment attiv taż-żgħażagħ;
   b. L-għaqda taż-żgħażagħ b'involviment teatrali u mużikali;
   c. Organizzazjoni t'attivitajiet edukattivi u kulturali, fosthom korsijiet, produzzjonijiet teatrali u attivitatjiet sportivi;
   d. Organizzazjoni t'attivitajiet soċjali li jgħaqqdu flimkien iż-żgħażagħ;

4. Il-President tal-għaqda huwa maħtur fuq qbil tal-kumitat tas-Soċjetà, hekk kif stipulat f'**Artiklu 5, par. 5(iii)** ta' dan l-istatut.

5. Hija għaqda mmexxiha b'kumitat li għandu jkun magħmul minn żgħażagħ li ikollhom bejn 16 u 30 sena, li jkunu membri tal-Aurora Youth Movement u tesserati tas-Soċjetà Filarmonika Leone.

6. Il-Kumitat tal-Aurora Youth Movement għandu jimxi skont it-termini stabbiliti f'Anness I ta' dan l-istatut.

---

[29] Artiklu 14 li kien jitratta s-"Sotto-Kumitat Palk" ġie mħassar b'emenda approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016 peress li d-dmirijiet ta' dan is-sotto-kumitat ġew mgħoddija lill-uffiċjal *Manager* tat-Teatru. Għalhekk, l-artikli ta' wara Artiklu 14 ġew rinumerati.

[30] Dan l-artiklu ħa post artiklu ieħor ukoll intitolat "Aurora Youth Movement", b'emenda approvata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-6 ta' Novembru 2016.

## Artiklu 15 – Kumitat Eżekuttiv

1. F'dan il-kumitat għandhom jiġu diskussi l-materji kollha ta' natura kunfidenzjali qabel ma jitressqu quddiem il-kumitat tad-direzzjoni.

2. Il-Kumitat Eżekuttiv jiġi kompost minn uffiċjali tal-kumitat fid-diskrezzjoni tal-President. Il-formazzjoni tiegħu tista' tkun flessibli u tvarja minn laqgħa għall-oħra billi l-President jitlob lil uffiċjali u/jew membri differenti biex jattendu, skont in-natura tal-aġenda.[13]

3. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jsejjaħ ukoll persuni 'l barra mill-kumitat biex jiddiskuti magħhom jew jikseb informazzjoni teknika.[31]

---

31 Paragrafi 2 u 3 ġew miżjuda b'emenda fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

**Artiklu 16 – Bord biex iżomm l-ordni**

1. Dan il-bord għandu jinħatar mill-kumitat f'waħda mill-ewwel seduti li jsiru f'Novembru[32] ta' kull sena u jkun magħmul minn ċermen u numru ta' membri skont ma jiddeċiedi l-kumitat.

2. Dan il-bord għandu jiżgura li l-imġiba tal-kumitat u tal-bandisti tkun konformi mal-istatut tas-Soċjetà, u għandu jiltaqa' skont il-ħtieġa.

3. Quddiem dan il-bord, il-bandisti għandhom iressqu bil-miktub l-ilmenti kollha tagħhom anki jekk dawn ikunu fuq xi membru tal-kumitat.

4. Il-kumitat għandu jressaq quddiem dan il-bord, bandisti li jonqsu regolarment bla raġuni sodisfaċenti mis-servizzi tal-banda u li juru nuqqas ta' rispett lejn l-amministrazzjoni jew id-direzzjoni tal-banda.

5. Il-membri prospettivi li jersqu għall-elezzjoni tal-kumitat għall-ewwel darba għandhom jiffirmaw kwestjonarju li jressqilhom quddiemhom dan il-bord.[33]

6. Dan il-bord f'kull każ, għandu jirrikkmanda lill-kumitat, il-passi illi għandhom jittieħdu, iżda l-individwu konċernat jista' jappella skont l-Artiklu 2 paragrafu 10.

---

32 Ix-xahar inbidel minn Jannar għal Novembru, b'mozzjoni approvata fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 12.01.2014. Għalhekk din tfisser waħda mill-ewwel laqgħat wara li jifforma l-kumitat il-ġdid.

33 B'emenda fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013 dan il-paragrafu ġie japplika għall-kandidati li jersqu għall-elezzjoni għall-ewwel darba u mhux għall-kandidati kollha, kull sena.

**Artiklu 17 – Bandisti Barranin bil-ħlas**

1. Bandisti bil-ħlas ikunu skritturati skont il-bżonn indikat mis-surmast direttur u taħt il-kundizzjonijiet li l-Kummissjoni Banda jidhrilha xierqa.

2. Bandisti barranin bi ħlas huma mitluba ma jonqsux għall-provi u għas-servizzi tal-banda minnhom rikjesti.

3. Huma jkunu konformi fl-ilbies tagħhom skont id-direttivi mogħtija lilhom.

**Artiklu 18 – Bandisti Alljievi**

1. Dawn jiġu annessi fl-iskola tal-mużika bla ħlas u għandhom joqogħdu għall-kundizzjonijiet li jagħmlilhom il-kumitat. Huma għandhom jieħdu ħsieb u kura tal-oġġetti u strumenti lilhom mislufa.

2. Qabel ma jiġu ammessi fil-banda, dawn għandhom jiġu eżaminati mis-surmast direttur.

3. Huma għandhom l-obbligu li malli jsiru bandisti attivi, jiffirmaw dikjarazzjoni li jagħtu l-ewwel prijorità lill-Banda Leone f'kull servizz u f'kull ċirkustanza oħra li tista' tinqala'. F'każ ta' minorenni, din id-dikjarazzjoni għandha timtela mill-ġenituri jew kustodji tagħhom.

**Artiklu 19 – Proprjetà tas-Soċjetà u Xoljiment**

1. F'każ ta' xoljiment tas-Soċjetà, il-proprjetà immobbli u mobbli tas-Soċjetà għandha tgħaddi f'idejn l-Arċipriet tal-Katidral *pro tempore*. Dan għandu jieħu ħsieb li tinżamm f'kundizzjoni ta' manutenzjoni tajba sakemm terġa' titwaqqaf is-Soċjetà. F'dan il-każ, is-Soċjetà għandha tagħti lura lill-Arċipriet, l-ispejjeż kollha li jkun ħareġ.

2. F'każ li s-Soċjetà tkun kostretta xxolji, l-oġġetti ta' valur u rikordji għandhom jiġu depożitati f'Bank li jkollu l-kustodja tagħhom sakemm is-Soċjetà terġa' tiġi mwaqqfa.

3. Jekk wara tletin sena mix-xoljiment tas-Soċjetà, din ma titwaqqafx mill-ġdid, id-depożiti fil-bank kif ukoll il-propjetà immobbli għandhom jinbiegħu u wara li jkunu tħallsu l-ispejjeż kollha, il-bilanċ mir-rikavat għandu jitpoġġa f'Bank f'isem il-Parroċċa tal-Katidral ta' Għawdex. Mill-interessi, għandha titħallas il-festa ta' barra ta' Santa Marija.

## Artiklu 20 – Imwiet[34]

1 F'każ ta' mewt ta' President, President Onorarju, Membru Onorarju, Bandist Onorarju, Bandist attiv u Membru tal-Kumitat:
   A Is-Soċjetà tissufragah b'quddiesa fil-Katidral ta' Għawdex;
   B Il-Bandiera titla' mezz'asta għal tlett ijiem konsekuttivi minn meta titħabbar b'mod uffiċjali l-mewt tiegħu. Dawn jinkludu l-jum tal-funeral;
   Ċ Għandu dritt jiġi akkumpanjat bil-banda fil-funeral;
   D Meta l-banda takkumpannja l-funeral, għandha sellem lill-mejjet bl-innu uffiċjali tal-banda;
   E F'każ ta' mewt lejlet u nhar il-festa ta' Santa Marija, dan ir-regolament jibda jgħodd mill-għada tal-festa;
   F Jittieħed l-istandard tas-Soċjetà bil-krepe iswed u fjuri għan-nom tas-Soċjetà u korpi oħra fi ħdanha;
   Ġ F'każi eċċezzjonali, il-kumitat għandu d-dritt jieħu deċiżjoni skont iċ-ċirkustanzi;

2 Proċedura tal-Bandiera u l-Istendard f'każijiet ta' mwiet.[35]

| | |
|---|---|
| Membru tal-Kumitat, Membru Onorarju, Bandist, Bandist Onorarju | Bandiera mezz'asta għal tlett ijiem, inkluż il-jum tal-funeral; Standard tas-Soċjetá fil-funeral; Suffraġju ta' quddiesa fil-Katidral |
| Soċji, u membri ta' kummissjonijiet u sezzjonijiet | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral |
| Partitarji oħra resident fil-Belt Victoria b'funeral fil-Katidral ta' Għawdex | Bandiera mezz'asta f'jum il-funeral |
| Partitarji oħra residenti 'l barra mill-Belt Victoria | Bandiera mezz'asta fil-gallerija tal-faċċata f'jum il-funeral |
| Qraba ta' Membri tal-Kumitat u Bandisti* | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral; Standard tas-Soċjetá fil-funeral |
| Qraba oħra ta' Membri tal-Kumitat u Bandisti** | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral; bukkett fjuri fil-funeral |
| Monsinjuri tal-Katidral u saċerdoti tal-parroċċa b'funeral fil-Katidral | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral; Standard tas-Soċjetá fil-funeral |

[34] Mingħajr ma nbidlet ebda kelma jew klawsola mill-istatut, l-artikli li jitkellmu dwar imwiet, imwiet ta' qraba, Arċiprieti/ Kappillani, u mwiet oħra ġew miġbura f'artiklu wieħed bi proposta mressqa fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

[35] Din l-iskeda ġiet imfissra u approva b'mozzjoni fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 15.01.2012.

| | |
|---|---|
| Benefatturi Speċjali | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral |
| Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi*** | Bandiera mezz'asta f'jum il-mewt u f'jum il-funeral; Standard tas-Soċjetá fil-funeral |

* Qraba jinkludu: mara/sieħba u ġenituri tagħhom, ulied, ġenituri u aħwa

** Qraba oħra jinkludu: zijiet, kuġini, nanniet

*** F'każijiet ta' Isqfijiet jew Isqfijiet emeriti

Nota: L-istandard fil-funeral għandu jkun dejjem akkumpanjat minn delegazzjoni ta' membri tal-kumitat u bandisti.

3 F'każ ta' mewt ta' Arċipriet jew Kappillan ta' raħal fejn il-Banda s-soltu tiġi mistiedna għall-festa, il-kumitat jibgħat rappreżentanza bl-istandard tas-Soċjetá bil-krepe iswed u titla' l-bandiera mezz'asta fuq il-bejt.

4. F'każ ta' mwiet oħra, il-kumitat jiddeċiedi huwa l-proċedura li għandha tintuża.

**Artiklu 21 – Bandiera**

Il-bandiera għandha titla' fuq il-każin u tinxtegħel parti mill-faċċata f'dawn l-okkażjonijiet;

**Jannar**
1 L-Ewwel tas-Sena
Jum il-Festa ta' San Ġwann Bosco

**Frar**
2 Jum il-Gandlora
10 Nawfraġju ta' San Pawl

**Marzu**
19 San Ġużepp
25 Jum il-Lunzjata
31 Jum il-Ħelsien – Festa Nazzjonali

**April**
Jum id-Duluri (il-Ġimgħa)
Ħadd il-Palm
Jum il-Ġimgħa l-Kbira
Ħadd il-Għid
29 Anniversarju tal-Għotja tal-Istatwa ta' Santa Marija lill-Katidral ta' Għawdex.

**Mejju**
1 San Ġużepp Ħaddiem
8 Madonna ta' Pompej
31 Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta

**Ġunju**
7 Sette Giugno – Festa Nazzjonali
22 Anniversarju tad-dehra tal-Madonna ta' Pinu

**Lulju**
16 Madonna tal-Karmnu

**Awwissu**
22 Marija Reġina

**Settembru**
5 ijiem tal-Festa tal-Madonna tal-Grazzja
8 Twelid tal-Madonna / Jum il-Vitorja – Festa Nazzjonali
21 Jum l-Indipendenza – Festa Nazzjonali
29 San Mikiel Arkanġlu

**Ottubru**

9 Anniversarju tal-Ftuħ tal-Każin
10/11 Anniversarju Konsagrazzjoni tal-Katidral ta' Għawdex
21 Sant'Ursola, VM, konpatruna ta' Għawdex

**Novembru**
1 Anniversarju tad-Domma tal-Assunta

**Diċembru**
8 Immakulata Kunċizzjoni
13 Jum ir-Repubblika – Festa Nazzjonali
25 Jum il-Milied
31 L-Aħħar tas-Sena

**Ġranet Oħra**
15 –il Erbgħa ta' Santa Marija (mill-ewwel Erbgħa ta' Mejju)
31 ta' Lulju – 15 t'Awwissu – Kwindiċina u Jum Santa Marija
Kull meta l-Banda Leone jkollha servizz
Kull meta ssir xi attività speċjali fil-każin
Ġranet oħra li l-kumitat jidhirlu li l-bandiera għandha titla' fuq il-bejt tal-każin.

Nota: *Fuq l-arblu l-kbir tal-bejt tal-każin għandha tittella' biss il-bandiera tas-Soċjetá. Meta jintużaw l-arbli ż-żgħar tal-faċċata, il-bandiera Maltija għandha titla' dejjem fuq l-arblu tal-gallarija tan-naħa tax-xellug (tan-naħa t'isfel) skont il-protokoll nazzjonali. Fuq l-arblu l-ieħor għandha tittella' bandiera oħra skont l-okkażjoni – tas-Soċjetá, tal-Madonna, tal-Papa eċċ.*[36]

[36] Din in-nota ġiet imressqa permezz ta' proposta fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

## Artiklu 22 – Ġenerali

1. Kwalunkwe laqgħa li ssir ma' impjegati tas-Soċjetà jew ma' individwi kif ukoll ma' entitajiet barra mis-Soċjetà, għandha ssir ma' delegazzjoni maħtura mill-kumitat. Wieħed minn din id-delegazzjoni għandu jkun is-Segretarju biex iżomm il-minuti.

2. Iċ-ċermen ta' kull kummissjoni għandu jagħti rapport annwali tal-kariga tiegħu waqt il-laqgħa ġenerali annwali tas-Soċjetà.

3. Il-kotba kollha, reġistri, *files*, korrispondenza u affarijiet oħra konnessi ma' xi kariga, għandhom jinżammu fil-każin.

4. Kwalunkwe persuna li tkun tokkupa xi kariga mogħtija lilha mill-kumitat għandha tagħti lura lis-Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863 kull kitba, *files*, korrispondenza, reġistri, ittri u affarijiet oħra konnessi mal-kariga tagħha jekk u meta din tirriżenja, tbiddel, tħalli, tirtira, jew tiġi mkeċċija mill-kariga tagħha, jekk għal xi raġuni approvata mill-kumitat din tkun żammet għandha xi ħaġa mill-imsemmija proprjetà.

5. Jekk għal xi raġuni, il-kumitat jeħtieġlu jbigħ, jixtri, jew jiddisponi b'mod ieħor mill-proprjetà tas-Soċjetà, kull trasferiment irid jiġi approvat b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-bandisti u tal-membri tal-kumitat li jkunu preżenti għal-laqgħa li tissejjaħ apposta.

6. F'każ ta' riżenja tal-President jew ta' xi uffiċjal ieħor, il-viċi l-aktar anzjan jew l-assistant tal-vakanza li tkun inħolqot, għandu jassumi r-responsabilitá immedjata u jiġi offrut il-post sal-aħħar tas-sena kurrenti. Huwa jista' jitlob lill-kumitat biex jivvota u jaħtar lil xi membru ieħor fil-kariga li tkun ġiet vakata. F'dan il-każ, l-assistent xorta jassumi r-responsabilitá sakemm tkun saret din il-votazzjoni u t-transizzjoni neċessarja.[37]

7. Is-Soċjetà għandha żżomm reġistri permanenti separati tal-alljievi u tal-bandisti regolari tagħha. Għandha żżomm ukoll *database* tal-bandisti kollha li kellha s-Soċjetà matul iż-żmien.

8. Meta bandist joħroġ idoqq mal-Banda Leone, għandu jingħata ċertifikat bħala bandist tal-Banda Leone li juri wkoll liema strument jew strumenti jaf idoqq. Dan imbagħad għandu jiffirma dikjarazzjoni li jkun fiha l-kundizzjonijiet kollha li għandu jżomm u jirrispetta bħala bandist regolari tal-Banda Leone.

---

[37] Din l-aħħar sentenza żdiedet mal-paragrafu 6 b'emenda fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 22.01.2013.

**Artiklu 23 – Tħassir ta' Statuti Oħra**

Kull regolament u statut ieħor li jirrigwardja s-Soċjetá Filarmonika Leone A.D. 1863, huwa b'dan l-istatut irrevokat mid-data tal-approvazzjoni.

Każin tal-Banda Leone
Triq ir-Repubblika, Victoria
11.XI.2018

**ANNESS I**

**Termini ta' Tmexxija**
**Aurora Youth Movement**

**Preambolu**
Dawn it-termini ġew approvati illum 5 ta' Settembru 2016 mill-Kumitat tal-Aurora Youth Movement, illum maħtur ġdid, sabiex iservi bħala pjattaforma ta' struttura. Dan għandu jservi ta' prova sabiex wara jiġi approvat totalment f'Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Fil. Leone f'Novembru 2016, u jkun anness fl-istatut tal-istess Soċjetà, bħala Anness I.

AURORA YOUTH MOVEMENT

**L-Isem u l-Għan**

Din l-għaqda hija fergħa tas-Soċjetà Filarmonika Leone.
L-Isem tal-għaqda huwa 'Aurora Youth Movement'.
Din l-għaqda hija volontarja u mhix imwaqqfa għal skop ta' profitt.
Din l-għaqda ġiet imwaqqfa fl-1972.
L-għanijiet ewlenin ta' din l-għaqda huma:
L-involviment attiv taż-żgħażagħ.
Jgħaqqad iż-żgħażagħ b'involviment teatrali u mużikali.
Organizzazjoni t'attivitajiet edukattivi u kulturali, fosthom korsijiet, produzzjonijiet teatrali u attivitatjiet sportivi.

Organizzazjoni t'attivitajiet soċjali li jgħaqqdu flimkien iż-żgħażagħ.

**Struttura**

L-għaqda hija mmexxiha minn kumitat.
Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn żgħażagħ li ikollhom bejn 16 u 30 sena, ikunu membri tal-Aurora Youth Movement u tesserati tas-Soċjetà Filarmonika Leone.
Il-Kumitat jiġi elett darba fis-sena b'elezzjoni hekk kif stipulat f'Artiklu 3, apparti l-persuna fil-kariġa ta' President li jiġi maħtur mill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Leone.

Il-Karigi fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu:
President
Segretarju
Assistent Segretarju
Kaxxier
Uffiċjal tal-Pjattaformi Soċjali
Uffiċjal tal-Attivitajiet
Karigi oħrajn li jistgħu jintlaħqu huma:
Uffiċjal ta' Riżorsi Umani
*Designer*
Direttur Artistiku
Uffiċjal ta' *Fund Raising*
Koordinaturi ta' attivitajiet speċifiċi
Karigi oħrajn jistgħu jintlaħqu b'vot sempliċi mill-kumitat.

Il-**President** huwa maħtur mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Il-President tal-għaqda jassumi r-responsabbiltajiet legali tal-Għaqda. Jara li kollox miexi skont l-għanijiet ewlenin tal-għaqda, b'mod effettiv u b'għaqda totali. Jara li t-termini ta' tmexxija ma jinkisrux. Jaħdem fil-qrib mas-Segretarju tas-Soċ. Fil. Leone. Għandu jirrappreżenta lil għaqda fejn mistiedna. Għandu d-dritt li jxolxi l-kumitat jekk jidhirli li l-maġġoranza tal-membri tal-kumitat ma tkunx qed tagħti s-sehem tagħha għat-tmexxija tal-għaqda. F'dan il-każ elezzjoni trid issir fi żmien xahar. Huwa jippresjedi u jmexxi laqgħat tal-kumitat.

Is-**Segretarju** jassisti lill-President fit-tmexxija tal-ghaqda. Għandu jirrappreżenta lill-President fin-nuqqas tiegħu u jieħu f'idejh it-tmexxija tagħha u jieħu ħsieb it-tmexxija finanzjarja tagħha flimkien mal-Kaxxier, meta ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu. Jesegwixxi l-ordnijiet mogħtija mill-President u/jew meħudha mill-kumitat. Jara li jiltaqa' l-kumitat kull ġimgħatejn, billi joħroġ avviż u jara liema tkun l-aħjar data. Jieħu ħsieb li jżomm il-minuti tal-laqgħat. Iżomm lista ta' membri tal-għaqda.

L-**Assistent Segretarju** għandu jiġbor materjal konness mal-ħidma tal-għaqda sabiex jiġi arkivjat. Għandu jara li kollox jiġi rrekordjat u storjat

b'mod tajjeb u li jsir *journal* t'attivitajiet u inizzjattivi. Jieħu ħsieb li joħroġ rapport amminstrattiv ta' kull sena, flimkien mas-Segretarju.

Il-**Kaxxier** għandu jieħu ħsieb d-dħul u l-infieq, jinforma lill-Kumitat bl-infiq ta'
kull xahar u jieħu ħsieb l-propjeta' immobbili u mobbli. Ir-rendikont ta' kull xahar għandu isir minnu u jiġi mgħoddi ta' kull xahar mal-President u s-Segretarju, u iffirmat mill-President u l-Kaxxier. Wara jiġi muri lil Kumitat kollu u jinbgħat ukoll lis-Segretarju tas-Soċjetà Fil. Leone mill-President. Għandu jikkonsulta mal-*Fund Raising* Officer, jekk ikun intgħażel l-irwol, sabiex jagħmel dan ir-rendikont u jinġabar materjal relatat, bħal irċevuti u *invoices*. Għandu jassisti lil Kordinaturi tal-attivitajiet fl-infieq, fosthom li jara li jinżamm infieq proġettat u rendikont. Għandu jagħmel rapport finanzjarju annwali.

L-**Uffiċjal tal-Pjattaformi Soċjali** għandu jieħu ħsieb totali tal-paġna ta' *Facebook* f'kull ġurnata u jara kif l-udjenzi jistgħu jiżdiedu u jintlaħqu aktar. Materjal li jitla' għandu jiġi kkonsultat il-President u s-Segretarju. Għandu jesplora modi ġodda ta' kif tilħaq udjenzi ġodda.

L-**Uffiċjal tal-Attivitajiet** għandu jara li xejn mill-ħidma tal-għaqda ma taħbad jew ittellef attivitajiet u inizzjattivi tas-Soċjetà Filarmonika Leone, il-fergħat tagħha u l-Parroċċa tal-Katidral. Għandu joħroġ b'ideat ta' attivitajiet innovattivi. Għandu jara li kull attività u inizzjattiva tal-għaqda li tkun ġejja u saret jingħata rendikont ta' preparazzjoni u ta' wara rispettivament, mill-kordinatur tagħha jew minnu stess.

L-**Uffiċjal ta' Riżorsi Umani** għandu jara kif l-għaqda tista' tersaq lejn żgħażagħ ġodda u tqarribhom lejha. Għandu jikkuntatja persuni sabiex jattendu attivitajiet u inizzjattivi. Għandu jara x'jaħsbu ż-żgħażagħ dwar l-għaqda u jaħdem sabiex din iżżid il-popolarità. Iħajjar żgħażagħ isiru membri tal-għaqda u tesserati tas-Soċjetà

Id-**Direttur Artistiku** għandu jieħu ħsieb id-direzzjoni artistika ta' produzzjonijiet u ko-produzzjonijiet tal-għaqda. Għandu jara x'fondi artistiċi jistgħu jinġabru u x'produzzjonijiet ġodda jistgħu jsiru mill-għaqda, flimkien mal-President.

L-**Uffiċjal ta' *Fund Raising*** għandu jikkonsulta mal-Uffiċjal tal-Attivitajiet sabiex l-attivitajiet li jsiru jkollhom profitt, u flimkien jaraw x'attivitajiet u inizzjattivi jistgħu jsiru sabiex jinġabru fondi. Għandu jassisti lil Kaxxier fil-preparazzjoni ta' rendikonti, speċjalment fil-ġbir ta' materjal relatat ma' attivitajiet.

**Kordinaturi tal-Attivitajiet** jinħatru għal attivitajiet speċifiċi. Dan l-kordinatur għandu jieħu ħsieb mill-bidu sal-aħħar l-immaniġjar tal-attivita' b'konsultazzjoni mal-uffiċjali rispettivi. Jista' jgħaqqad tim miegħu ta' nies barra mill-għaqda. Għandu dejjem iżomm lil President infurmat dwar l-andament u jiġi mistieden għal laqgħat rigward din l-attivita'. Għandu

dejjem iżomm infurmat lil Kaxxier dwar infieq proġettat u jagħti rendikont u rċevuti lilu.

Kull membru tal-kumitat jista' jaħtar tim magħmul minn żgħażagħ ġewwa u barra mill-kumitat u jkun immexxi minnu bħala uffiċjal tal-kumitat.. Dan għandu jiġi approvat mill-Kumitat, inkluż min jifforma parti minn dan it-tim. Għal laqgħat ta' dan it-tim għandhom jiġu mistiedna il-President u Segretarju.

## Elezzjoni

L-Elezzjoni għandha wara li l-kumitat ikun għamel sena fformat.
Fl-elezzjoni jistgħu jivvutaw żgħażagħ membri tal-għaqda.
Nominazzjonijiet għandhom joħorġu sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn qabel l-elezzjoni. Fin-nominazzjoni għandu ikun hemm ukoll il-motivazzjoni tal-kandidat.
Nominazzjonijiet ta' kandidatura għandhom jintbgħatu lill-President tal-għaqda sa' tlett ijiem qabel l-laqgħa ġenerali.
Il-votazzjoni tkun mmexxija mill-President u tkun waħda ta' maġġoranza sempliċi.
Kumitat ma għandux ikun ikbar minn għoxrin peruna, u inqas minn ħamsa, eskluż il-President li jinħatar mill-Kumitat tas-Soċjetà Fil. Leone.
Votazzjoni għall-irwoli isir fl-ewwel laqgħa tal-kumitat,mill-membri tal-kumitat, hekk kif jintlaħaq kumitat ġdid. Nominazzjoni għall-irwoli tagħlaq ġurnata qabel il-laqgħa tal-kumitat, liema nomini jitbgħatu lill-President.

## Termini oħrajn

Membri għandhom jimlew formula u jkunu bejn 16 u 30 sena.
Jekk issir nefqa mhux awtorizzata mill-Kaxxier ta' bejn €40.00 u €70.00, il-kont ma jiġix *refunded* minn flus tal-għaqda. Nafqa t'iktar minn €70.00 trid tiġi kkonsultata mal-President u s-Segretarju tal-għaqda. Nafqa t'iktar minn €150.00 għandha tiġi approvata mill-kumitat.
Fejn mhux miktub mod ieħor, approvazzjonijiet huma b'voti ta' maġġoranza sempliċi.
Voti jittieħdu b'mod apert, sakemm mhux ordnat mod ieħor mill-President, jew b'talba milqugħa minnu.
Il-President jivvota biss permezz ta' *casting vote* f'każ ta' parità.
F'każ li membru b'irwol jixtieq jirriżenja minn dan l-irwol, għandu jagħmel dan billi jinforma lill-President b'ittra. Sostituzzjoni issir b'elezzjoni f'laqgħa tal-kumitat.
F'każ lil membru b'irwol ma jkun qed jaqdi dmiru tajjeb, il-President għandu jkellmu sabiex tingħata r-raġuni għaliex qed isir dan u jintlaħaq kompromess. Jekk dan jidher li mhux se jissolva, l-membru jingħata ċans ta' ġimgħa sabiex jirriżenja minn dan l-irwol, wara li jkun informat mill-President. Jekk dan ma jseħħx, jingħajjat vot ta' sfiduċja fil-persuna fl-

irwol f'laqgħa tal-kumitat. Dan il-membru jiġi sfiduċjat mill-irwol tiegħu, iżda jibqa' parti mill-kumitat.
Membru jista' jitkeċċa mill-kumitat la darba jingħajjat vot ta' sfiduċja fil-persuna minn xi membru tal-kumitat f'laqgħa tal-istess kumitat. Dan il-membru jitkeċċa mill-kumitat b'2/3 tal-voti.
Kull fejn jissemma vot ta' sfiduċja, il-membru li jsejjaħ dan il-vot, il-membru li dwaru huwa l-vot, u l-President għandhom id-dritt li jitkellmu qabel jittieħed vot.
F'każ li l-għaqda ixxolji, l-flus u l-assi f'idejn l-għaqda jmorru f'idejn il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Leone.